MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 508/2005

**Mark Caruana**

***Versus***

**Mohamed El Hanghari; u b'dikriet ta' l-4 ta' Diċembru 2006 is-soċjeta *Elmo Insurance Limited* tħalliet tidħol fil-kawża *in statu et terminis***

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab f'inċident tat-triq.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-30 ta' Ġunju 2003 l-attur, waqt li kien qiegħed isuq il-mutur targat FBH 416 fi Vjal l-Avjazzjoni Ċivili, il-Gudja, ħabat mal-karrozza targata JAM 416 (*recte*, JAM 296) misjuqa mill-konvenut u korra serjament billi ġarrab debilità li ma jfieqx minnha, barra milli ġarrab ukoll danni materjali. Billi qiegħed igħid illi għall-inċident jaħti l-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejjaħlu biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi din il-qorti, wara li (1) tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, (2) tillikwida d-

danni, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar tan-notifika taċ-ċitazzjoni, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu 2005 u ta' ittra uffiċjali għan-notifika ta' l-assikuratur tal-konvenut, u ħamsin lira (Lm50) għall-parir u ittri bonarji.

Il-konvenut, għalkemm notifikat kif trid il-liġi, ma ressaqx eċċezzjonijiet u baqa' kontumaċi.

B'dikriet ta' l-4 ta' Diċembru 2006 tħalliet tidħol fil-kawża s-soċjetà *Elmo Insurance Limited* minħabba fl-interess li din jista' jkollha bħala assikuratur tal-vettura misjuqa mill-konvenut.

L-inċident seħħ fi Vjal l-Avjazzjoni Ċivili, il-Gudja, li hija t-triq li hemm mal-ġenb tal-mitjar. L-attur kien qiegħed isuq mutur, b'passiġġiera warajh, sejjer minn Ħal Far lejn Ħal Luqa u l-konvenut kien qiegħed isuq fid-direzzjoni opposta. Hekk kif l-attur dar liwja li hemm fit-triq sab lill-karrozza tal-konvenut quddiemu, fl-istess karreġġjata tiegħu, u ma kellux ħin jew spazju biżżejjed biex jevita l-ħabta.

Il-konvenut, fil-verżjoni li ta lis-surġent tal-pulizija li investiga l-inċident minnufih wara l-ħabta, ma jiċħadx li daħal fil-karreġġjata ta' l-attur iżda jgħid illi għamel hekk għax quddiemu kellu vettura oħra li waqfet ħesrem u, biex ma jaħbatx magħha, kiser u daħal fil-karreġġjata l-oħra tat-triq. Meta ra l-mutur ta' l-attur ġej lejh reġa' lewa 'l ġewwa biex jevitah iżda ma seħħlux li jevita l-ħabta.

L-attur jiċħad illi kien hemm vettura oħra li waqfet quddiem il-konvenut. F'kull każ, iżda, ukoll jekk ġara kif qal il-konvenut, xorta l-ħtija tibqa' ta' dan għax jekk, biex ma jaħbatx ma' ta' quddiemu, kellu jinvadi l-karreġġata ta' l-attur, dan ifisser illi ma kienx qiegħed iżomm bogħod biżżejjed minn ta' quddiemu skond il-veloċità li kien għaddej biha, u dan la huwa sewqan bil-għaqal u lanqas sewqan kif iridu r-regolamenti tat-traffiku..

Il-qorti għalhekk bla eżitazzjoni tgħid illi l-ħtija hija kollha tal-konvenut.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

Bħala *damnum emergens* l-attur qiegħed jippretendi l-prezz tal-mutur, li nqered b'mod li ma setax jissewwa, spejjeż mediċi u l-prezz ta' xi ħwejjeġ li nqerdu fl-inċident.

Il-mutur kien inxtara ħames mija u sittin lira (Lm 560) ftit xhur qabel l-inċident u għalhekk, meta tqis illi l-mutur ma kienx għal kollox ġdid, kumpens ta' ħames mitt lira (Lm 500) huwa wieħed xieraq.

Bħala spejjeż mediċi u spejjeż ta' ħwejjeġ li nqerdu fl-inċident l-attur qiegħed jippretendi mija u wieħed u għoxrin lira (Lm 121). Uħud minn dawn l-ispejjeż huma ġustifikati b'riċevuta u oħrajn huma mwettqa bil-ġurament ta' l-attur.

Il-qorti tqis illi dawn is-somom huma raġonevoli u għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin lira (Lm 621) b'kollox.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*.

L-attur kellu ħamsa u għoxrin (25) sena meta korra, u għalhekk *multiplier* ta' tletin (30) sena huwa wieħed xieraq.

Fiż-żmien ta' l-inċident l-attur kellu dħul ta' madwar disat elef u tliet mitt lira (Lm 9,300) fis-sena. Meta tqis illi l-attur jaħdem fil-qasam ta' l-informatika, qasam li għandu potenzjal kbir ta' espansjoni, il-qorti hija tal-fehma illi, meta tqis it-tul tal-*multiplier*, il-*lucrum cessans* għandu jinħadem fuq dħul medju ta' sittax-il elf lira (Lm 16,000) fis-sena.

Il-kirurgu mqabbad *ex parte* mill-attur sab illi l-attur ġarrab debilità li ma jfieqx minnha ta' sbatax fil-mija (17%), waqt illi l-espert maħtur minn din il-qorti sab illi l-grad ta' debilità huwa ta' sittax fil-mija (16%).

Il-qorti rat illi l-attur, fost ġrieħi gravi oħra u ksur ta' għadam, tilef parti minn żewġt iswaba – fosthom is-saba' l-kbir – ta' idu l-leminija, li hija l-id dominanti. Rat ukoll illi jaħdem bħala *programmer* u għalhekk jaħdem ħin twil fuq tastiera ta' *computer*. Tifhem illi debilità ġenerika ta' bejn sittax u sbatax fil-mija (16-17%), fis-sitwazzjoni oġġettivament speċifika ta' l-attur, tkun aktar gravi, u għalhekk hija tal-fehma illi għandha tagħżel l-istima aktar għolja.

*Lucrum cessans* għalhekk jiġi Lm16,000 × 30 × 17% = Lm 81,600 (wieħed u tmenin elf u sitt mitt lira).

Meta tqis illi l-attur sejjer jieħu bil-quddiem id-dħul tal-ġejjieni, iżda ġà għaddew erba' snin u nofs mill-inċident, huwa xieraq illi jsir tnaqqis ta' sittax fil-mija (16%) biex ipatti għal dan, b'dan illi l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu millum.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' tmienja u sittin elf, ħames mija u erbgħa u erbgħin lira (Lm 68,544).

Id-danni b'kollox għalhekk jiġu Lm 621 + Lm 68,544 = Lm 69,165 (disgħa u sittin elf, mija u ħamsa u sittin lira).

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, tillikwida d-danni fis-somma ta' disgħa u sittin elf, mija u ħamsa u sittin lira (Lm 69,165), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-imgħaxijiet b'seħħ millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------